**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv-Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** | **STUDJI SOĊJALI (Option)** | **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem** ______________________________ **Klassi** ____________

**Taqsima A**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux inqas minn 50 kelma kull waħda.**

F'xi ***pajjiżi industrijalizzati*** u oħrajn li għadhom qegħdin jiżviluppaw hemm każi fejn in-nies ibatu minħabba n-nuqqas ta' ***bżonnijiet bażiċi***. Dawn huma każijiet ta' inġustizzja soċjali. Il-faqar huwa forsi l-agħar forma ta' ***inġustizzji soċjali***. Dan għaliex minħabba l-faqar jiġu problemi oħra bħal nuqqas ta' ndafa, ikel, kura waqt mard, ħarsien tas-saħħa, ambjent nadif u nuqqas ta' xogħol. Hemm faqar materjali u hemm faqar soċjali bħal nuqqas ta' ***drittijiet ċivili*** u politiċi u faqar psikoloġiku bħal nuqqas ta' siġurta' u biża'. Kull għamla ta' faqar tbaxxi l-livell ta' għixien u l-***istatus soċjali*** tal-bniedem.

1. Agħti tifsira tal-kliem li jidhru skuri u miktubin korsiv. **10 marki**
2. X'differenza tgħaddi bejn il-pajjiżi ta' l-Ewwel Dinja u dawk tat-Tielet Dinja? Ikteb paragrafu f'mhux anqas minn 50 kelma. **10 marki**
3. L-Għan tad-Drittijiet tal-Bniedem hu propju li l-bniedem igawdi id-drittijiet fundamentali. Madankollu nafu li dan ma jseħħx kullimkien. Ikkumenta dwar dan il-fatt billi tirreferi għall-sitwazzjonijiet f'postijiet differenti fid-dinja. **10 marki**
4. X'jista' jsir fid-dinja biex titnaqqas l-inġustizzja soċjali? **10 marki**
5. Agħti isem ta' Dikjarazzjoni li ħarġet il-Ġnus Magħquda u agħti tagħrif dwarha. **10 marki**

**Total 50 marka**

**Taqsima B**
**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Għaliex il-valuri huma daqshekk importanti għall-ħajja tagħna?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ **2 marki**

2. X'tifhem b'soċjeta' konsumerista?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ **2 marki**

3. Kif tħares lejn ix-xogħol l-**Għaqda Dinjija tax-Xogħol** (ILO)?

**2 marki**

4. X'isawwar il-kultura tagħna l-Maltin?

**2 marki**

5. Xi tfisser il-kelma politika?

**2 marki**

**Total 10 marki**

**Taqsima Ċ**

**"Il-media huma għodda qawwija fis-soċjeta' li tista' tintuża kemm għat-tajjeb kif ukoll għall-ħażin. Għalhekk min għandu l-possibilta' biex isemma l-opinjoni tiegħu permezz tal-*mass media* għandu influwenza kbira fuq min jisma', jaqra jew jara. Dan iwassal għal bidla soċjali – bidla fil-mod kif jibdew jgħixu n-nies."** (***Adattat minn: Ibda Ghix fid-Dinja***)

**<u>Kompli iddiskuti r-rwol tal-media fis-soċjeta'.</u>**

15-il marka

**Taqsima D**
**Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb fit-tul.**

1. It-teknoloġija u d-dinja tagħna.

2. X'inhuma l-effetti ta' soċjeta' konsumerista?

3. It-tliet setturi ta' l-ekonomija u l-ġid tal-pajjiż.

4. Iddiskuti r-rwol tal-gvern fil-ħajja tas-soċjeta'.

**25 marka**